# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DEĊIŻJONI NUMRU 2867

# Illum 23 ta' Novembru, 2022

# Chairperson: Dr Charmaine Cristiano Grech

**Każ Numru: 3782/CCG**

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

Bejn

**Jean Paul Attard**
**(numru tal-karta tal-identità 442978M)**

**U**

**HSBC Bank Malta plc (C-3177)**

**Dwar: allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju u allegazzjoni ta' tkeċċija inġusta**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors dwar allegazzjoni ta' allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju u/jew bi ksur tal-liġi.

**<u>PRELIMINARI:</u>**

Ir-rikorrent ippreżenta rikors li permezz tiegħu ddikjara illi kien ilu impjegat mas-soċjetà intimata għal madwar għaxar snin bħala Marketing Manager, u fit-2 ta' Mejju 2018 ħa career break awtorizzat, u dan skont il-ftehim kollettiv viġenti f'dak iż-żmien, tal-MUBE, u li ma' tmiem il-career

break, huwa kellu jingħata rwol fl-istess grad li kellu, b'doveri kompatibbli mal-istess grad. Madankollu r-rikorrent jikkontendi li mar-ritorn tiegħu ġie informat illi ma kienx hemm rwoli vakanti għalih fil-qasam tiegħu. Huwa intalab jidħol fid-dipartiment l-antik tiegħu fi rwol ta' 'support', b'doveri mhux kompatibbli mal-grad maniġerjali tiegħu, iżda mal-grad klerikali, illi huma inferjuri. Minħabba li huwa irrifjuta din il-bidla, il-bank itterminalu l-impjieg abbażi ta' abbandun tal-post tax-xogħol. Ir-rikorrent jinsisti li huwa ġie mċaħħad milli jagħmel ilment formali skont il-proċeduri interni u tal-ftehim kollettiv. Ir-rikorrent jisħaq li l-bank iddiskrimina kontrih minħabba li ġie mċaħħad milli jissottometti lment formali, u anke minħabba li f'okkażjonijiet oħra simili bħal tar-rikorrent, il-bank jew estenda l-perjodu tal-career break jew saħansitra offrielhom Early Retirement Scheme. Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob lit-Tribunal sabiex jiddikjara illi huwa ġie mkeċċi b'mod inġust, u li l-bank mexa b'mod diskriminatorju kontra tiegħu.

Il-bank intimat ippreżenta d-dikjarazzjoni tiegħu fejn ikkonferma illi r-rikorrent ingħata l-career break kif jindika hu, iżda jisħaq li r-rikorrent kien infurmat illi waqt li kien se jkollu rwol garantit mar-ritorn tiegħu lura fi ħdan il-bank, iżda ma setgħux jikkommettu dwar ir-rwol li kien se jingħata, u r-rikorrent aċċetta dawn it-termini. Il-bank intimat jisħaq li filwaqt li r-rikorrent ma għamel l-ebda kuntatt tul il-career break, il-bank stess ikkuntattjah qabel tmiemu sabiex jinformah li ma kienx hemm rwoli vakanti fil-qasam tal-marketing, iżda li kien hemm rwoli oħra fi gradi maniġerjali għall-kunsiderazzjoni tiegħu, u li fil-frattemp, kien se jingħata rwol 'RBWM' fuq bażi temporanja, fl-istess dipartiment li kellu qabel, fl-istess grad, bl-istess salarju u reporting lines. Ir-rikorrent wera d-diżappunt tiegħu u l-bank intimat informah li jekk ma kienx se jirritorna, kien se jeħodha li l-impjieg huwa itterminat. Ir-rikorrent xtaq iressaq grievance, iżda l-bank intimat saħaq li sabiex jagħmel dan kien hemm bżonn li huwa jirritorna għax-xogħol, għaliex bħala impjegat kien ikollu dritt jinvoka tali proċedura. Ir-rikorrent ma weġibx, u lanqas ma rritorna għax-xogħol, u l-impjieg tiegħu ġie tterminat.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-każ jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

**Sinteżi tax-xhieda**

Xehed **David Perotti,** Head of Employee and Industrial Relations tal-bank intimat. Ix-xhud jgħid li ilu jaf lir-rikorrent u kien involut fit-taħriġ fil-karriera tiegħu. Jispjega li fl-2018 ir-rikorrent talbu sabiex jiġi kkunsidrat għal career break, li jipprovdi għaliha l-ftehim kollettiv fejn impjegat ikollu l-opportunità jaħdem f'qasam ieħor għal xi żmien 'il barra mis-servizzi finanzjarji biex iwessa' l-esperjenza tiegħu. Ix-xhud jgħid li r-rikorrent talab il-perjodu massimu ta' 12-il xahar, u jgħid ukoll li r-rikorrent kien konxju li dak kien il-massimu, u wkoll li mar-ritorn tiegħu ma setgħux jikkommettu x'kien se jkun l-irwol, u ntalab iżomm kuntatt regolari mal-bank. Il-career break kellu jibda fis-17 ta' April 2018 u ġie postpost sat-2 ta' Mejju 2018, u jittermina fit-2 ta' Mejju 2019. Fil-frattemp, ix-xhud biddel l-irwol u daħlet minfloku ċertu Loredana Mallia, iżda huwa bagħat lir-rikorrent direttament meta kien għad fadal biss ġimgħa għall-iskadenza tal-career break, sabiex jiddiskutu r-ritorn tiegħu, fejn ingħata għażla ta' possibiltajiet, iżda wieġeb li tali proposti ma qablux mal-esperjenza tiegħu. Ix-xhud qal li ppropona, stante li ma kienx fadal wisq żmien, li r-rikorrent jirritorna fi rwol ta' support mad-dipartiment tal-marketing, fejn il-Head tal-istess dipartiment kien diġà kkonferma li kien hemm xogħol x'jingħatalu, iżda ma setax jingħad li kien hemm irwol fiss vakanti f'dan ir-rigward għaliex dan kien biss arranġament temporanju. Ix-xhud jikkonferma li r-rikorrent kellu jibqa' fl-istess grad, bl-istess paga u reporting lines. Taħt kontroeżami, ix-xhud jikkonferma li l-kelma 'support' regolarment tintuża għal xogħol ta' grad senior clerical. Ix-xhud jgħid li r-rikorrent wieġeb kontra tali proposta, u qallu li l-irwol offrut kien inferjuri u għamel talba għal grievance formali, jumejn biss qabel ir-ritorn tiegħu mill-career break, fit-30 ta' April. Ix-xhud wieġeb billi qal li seta' jagħmel dan, iżda kellu jirritorna għax-xogħol fit-2 ta' Mejju hekk kif maqbul. Huwa rċieva nota mingħand il-President tal-Independent Bankers' Union dwar raġunijiet għaliex kellha ssir il-grievance. Ix-xhud jgħid li r-rikorrent kien infurmat illi jekk ma jirrappurtax għax-xogħol fit-2 ta' Mejju, l-impjieg tiegħu kien se jiġi itterminat, kif fil-fatt ġara, wara li kien infurmat illi jekk jirritorna x-xogħol il-bank kien lest jilqa' l-grievance, li tapplika għal 'serving employees', u jgħid ukoll li l-proċedura dixxiplinarja skont il-ftehim kollettiv ma tnedietx

minħabba li r-rikorrent ma kienx qed jaħdem fil-bank b'mod attiv iżda kien assenti. Ix-xhud jgħid li r-rikorrent qatt ma kien talab kjarifika dwar x'kien se jinvolvi l-irwol ta' support offrut lilu. Dwar l-allegat diskriminazzjoni x-xhud jikkonferma illi fiż-żmien kien hemm min ħa career break ta' aktar minn sena, iżda l-bank innota li din ma kinitx vijabbli u fil-fatt ġie deċiż li career breaks ma setgħux jeċċedu perjodu ta' sena, kif ġara mar-rikorrent. Mistoqsi taħt kontroeżami dwar l-irwol ta' Relationship Manager li oriġinarjament ġie offrut lir-rikorrent, ix-xhud qal li huwa ma baqax involut u li kellu jikkomunika mar-rikorrent direttament il-kap tad-dipartiment ikkonċernat.

Xehed **Tonio Mallia,** Senior Marketing Manager tal-bank intimat, u eks kollega tar-rikorrent, li kien grad ogħla minnu. Qrib it-tmiem tal-career break tar-rikorrent, ix-xhud kellem lill-Head of Marketing ta' dak iż-żmien, Andrew Forbes, dwar ir-ritorn tar-rikorrent. Huwa kellem lill-HR (Loredana Mallia) li infurmatu li l-irwoli disponibbli f'dak iż-żmien kienu fil-Financial Crime Compliance jew Commercial Banking (fl-istess grad), u ċempel lir-rikorrent sabiex jinfurmah b'dan. Ix-xhud sussegwentament tkellem ma' David Perotti li talbu kienx hemm possibiltà li r-rikorrent jagħti support fil-qasam tal-marketing, u jikkonferma li dan seta' jsir għaliex kien hemm xogħol għalih (jassisti fil-marketing campaigns etc) iżda l-head count tad-dipartiment ma setgħetx tiżdied allura dan ma setax ikun arranġament permanenti, iżda soluzzjoni temporanja, għaliex fil-fatt irwol uffiċjali ma kienx hemm. Ix-xogħol mitlub kien se jkun simili ta' dak li kien jagħmel qabel il-career break. Ix-xhud jikkonferma li rwoli amministrattivi (segretarji) m'għadx hemm fid-dipartiment tal-marketing fit-22 sena li ilu hemm. Taħt kontroeżami, x-xhud jiċċara li l-kelma 'support' tfisser li jassisti lid-dipartiment u mhux jagħmel xogħol klerikali, iżda li jisħaq li l-kelma 'support' mhux hu semmieha.

Xehed **Ray Ellul,** Kap Eżekuttiv tan-National Development and Social Fund (NDSF), aġenzija tal-Gvern sabiex tamministra flejjes ġejjin mill-iskema taċ-ċittadinanza b'investiment. Ix-xhud ikkonferma li l-impjieg tar-rikorrent mal-NDSF beda fis-26 ta' Marzu 2018, fuq bażi definit għal tliet snin, bi perjodu ta' prova ta' sena, li ġie kkonfermat. L-irwol kien wieħed ta' top management. Ix-xhud jikkonferma li kien konxju li r-rikorrent kien impjegat mal-HSBC ukoll.

Qabel tmiem il-perjodu ta' prova, l-aġenzija informat lir-rikorrent li xtaqitu jibqa' ingaġġat magħhom, u huwa wera li xtaq ikompli jaħdem mal-aġenzija.

**Ir-rikorrent Jean Paul Attard** ippreżenta affidavit tiegħu stess. Jgħid li kien ilu impjegat mal-bank intimat sa mill-2009, bl-aħħar kariga tiegħu tkun dik ta' Senior Marketing Manager, u li fl-2018 kien wieħed mir-rebbieħa tal-Employee of the Year Awards tal-bank. Jgħid li applika għall-career break fis-7 ta' Frar 2018, biex jibda mis-17 ta' April 2018, iżda d-data ġiet postposta sat-2 ta' Mejju 2018 minħabba esiġenzi ta' xogħol. Ir-rikorrent jisħaq li matul is-sena assenza tiegħu, żamm kuntatt regolari mal-bank u sa anke talab li l-employee file tiegħu jiġi aġġornat meta beda jagħti lectures lill-kollegi u anke attenda avvenimenti soċjali li ġie mistieden għalihom. Ir-rikorrent jgħid li fit-8 ta' Marzu 2018, kollega tiegħu Tonio Mallia ċempillu biex jidduskutu r-ritorn tiegħu, u r-rikorrent ikkonferma dan, u fit-22 ta' Marzu 2018 ikkomunikat miegħu Loredana Mallia (HR) u minkejja proposti li għamlilha dwar rwoli possibli, hija infurmatu li kien hemm biss vakanti l-irwoli ta' Relationship Manager fil-grad ekwivalenti għal tiegħu, u r-rikorrent ikkonferma l-interess tiegħu u ntqal lilu li Nicholas Elias, il-Kap tad-Dipartiment tal-Corporate Banking, kellu jikkuntattjah. Ftit wara iltaqa' ma David Perotti u ddiskutew dan il-fatt, iżda Nicholas Elias baqa' ma kkuntattjahx, u David Perotti u Loredana Mallia ġew infurmati mir-rikorrent dwar dan. Ftit wara, ir-rikorrent jgħid li Loredana Mallia offrietlu l-irwol ta' Head of Business Management fid-dipartiment tal-Compliance, fejn hu ma kellu l-ebda esperjenza. Ir-rikorrent kellem lil David Perotti dwar dan, li wera skantament lejn din l-offerta. Ir-rikorrent jgħid li fis-26 ta' April 2019, David Perotti bagħtlu email fejn qal li minħabba li l-career break kien ġej fi tmiemu, fil-frattemp seta' jidħol fi rwol temporanju biex joffri 'support' lid-dipartiment tal-Marketing, u meta wieġeb li din il-kariga kienet ta' mill-anqas żewġ gradi aktar baxxa minn tiegħu, ġie mhedded bi tmiem l-impjieg tiegħu jekk ma jirritornax għax-xogħol, u sussegwentament talab li jissottometti grievance formali, iżda ġie ordnat jirritorna lura l-bank sabiex jagħmel użu mill-proċedura tal-grievance, li wassal għall-email mibgħuta minn Mark Muscat, president tal-IBU. Taħt kontroeżami, meta mistoqsi dwar għalfejn ma talabx kjarifika dwar xi tfisser 'support' f'dan il-kuntest, ir-rikorrent wieġeb li ma weġibx għaliex kien jaf fiex jikkonsisti tali rwol u li għalih dan kien rwol klerikali,

iżda ammetta wkoll li ma kienx konxju li kien hemm rwoli ta' natura maniġerjali fi ħdan il-bank li kienu jinkludu fihom in-nomenklatura 'Support'. Ix-xhud jgħid li fl-ambitu ta' marketing it-titlu 'support' dejjem jitqies wieħed klerikali. Ir-rikorrent jikkontendi li s-support role dejjem jimtela' minn impjegati fi gradi klerikali. Fit-2 ta' Mejju 2019, fit-14:43, ġie infurmat li l-impjieg tiegħu ġie itterminat. Ir-rikorrent jgħid li fit-22 ta' Mejju 2019, ġiet ippublikata opportunità interna għal Head of Operations, u jindika li fl-10 ta' Ottubru 2019, il-bank ħabbar l-għeluq ta' numru ta' fergħat u tnaqqis fis-servizzi, flimkien ma' skemi ta' sensji volontarji għal madwar 180 impjegat. Ir-rikorrent ħass li ġie ddiskriminat għaliex impjegati oħra li marru fuq career break kellhom il-break estiż jew sar kull attentat sabiex jiġu riintegrati fil-grad li kellhom qabel, jew ingħataw l-iskema ta' irtirar volontarju, filwaqt li ħaddieħor anke tħalla jressaq greivance taħt il-proċedura kontemplata fil-ftehim kollettiv u l-Human Resources Manual.

**<u>Sintezi tas-Sottomissjonijiet</u>**

Is-soċjetà intimata ppreżentat nota ta' sottomissjonijiet fejn eċċepixxiet illi r-rikorrent mhuwa dovut l-ebda ammont f'kumpens peress li tkeċċija inġusta, u wisq anqas diskriminazzjoni, ma kienx hemm.

Is-soċjetà intimata tfakkar li meta r-rikorrent mar għall-career break, ġie mfakkar li ma kienx hemm garanzija li l-irwol tiegħu kien se jkun vakanti mar-ritorn tiegħu, u li hu aċċetta dina l-kundizzjoni, u li mar-ritron tiegħu dan fil-fatt kien minnu u r-rikorrent ġie offrut rwol temporanju bl-istess paga, iżda ma qabilx u ma rritornax għax-xogħol fid-data ta' tmiem il-career break, iżda minflok ressaq grievance, li s-soċjetà intimata infurmatu li ma setgħatx issir qabel jirritorna għax-xogħol.

B'referenza għall-każ *James Buhagiar vs. Jani Ltd (26/01/2018, Qorti tal-Appell (Inf)),* is-soċjetà intimata tgħid li sabiex it-Tribunal Industrijali jiddetermina jekk kienx hemm tkeċċija inġusta, għandhom jiġu analizzati r-raġuni tat-tkeċċija, u jekk tali raġuni kienet xierqa u raġonevoli.

Is-soċjetà intimata tindika li r-rikorrent beda jaħdem mal-aġenzija NDSF xi xhur qabel biss tali career break kien beda, u dan abbażi ta' kuntratt definit ta' tliet snin, u li għaldaqstant mad-data tar-ritorn mill-career break ir-rikorrent kien ġja marbut fil-kuntratt definit għaliex il-perjodu tal-probation kien laħaq għadda, u b'hekk li kieku kellu jittermina tali kuntratt kien jinkorri penali ta' sena paga, ossia €47,000, lill-aġenzija NDSF, kif xehed Ray Ellul u kif jixhed il-kuntratt, u li għaldaqstant kwalunkwe rabja u diżappunt li r-rikorrent wera fin-nuqqas ta' rwol li xtaq hu fil-bank mar-ritorn tiegħu kienu biss messa in xena.

Is-soċjetà intimata tissottometti li nonostante dan, xorta jibqa' l-fatt li r-rikorrent ma rritornax għax-xogħol fid-data miftiehma għaliex il-kliem 'support role' ħadhom bħala tnaqqis fil-grad, u ma talab l-ebda spjegazzjoni dwar x'kien ifisser tali rwol. Is-soċjetà tinnota wkoll li rwol vakanti ma kienx hemm fid-dipartiment tal-Marketing iżda xogħol kien hemm minħabba li l-grupp tal-bank iffriża l-headcounts, li jiġġustifika għalfejn ingħatalu dan l-irwol temporanju sakemm jitfaċċa rwol ieħor.

Huwa sottomess ukoll illi l-fatt li r-rikorrent ma tħalliex jissottometti grievance m'għandux ikollu piż fuq id-determinazzjoni tal-ġustifikazzjoni tat-tkeċċija, għaliex tali proċedura hekk kif ikkontemplata taħt il-ftehim kollettiv hi mmirata lejn kundizzjonijiet tax-xogħol jew termini tal-impjieg, u mhux dwar estensjonijiet tal-career break.

Fir-rigward tal-allegazzjoni tad-diskriminazzjoni, is-soċjetà intimata tissottometti illi bażi fuqiex qed jiġi allegat dan ma hemmx, u li diversi allegazzjonijiet saru mingħajr ebda prova. Fuq kollox, is-soċjetà tinsisti illi mhux talli ma kienx hemm vacancy fid-dipartiment tar-rikorrent, iżda talli xorta rat kif għamlet biex ikollu rwol fih bl-istess paga u grad. Is-soċjetà intimata tgħid ukoll li l-fatt li r-rikorrent ma tħalliex iressaq grievance lanqas ma tagħti lok ta' diskriminazzjoni, għaliex ma nġiebet l-ebda prova f'dan ir-rigward.

Ir-rikorrent issottometta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fejn iddikjara illi fir-rigward tal-fatt li s-soċjetà intimata infurmat lir-rikorrent illi mar-ritorn tiegħu mill-career break ma kellux garanzija li jingħata l-irwol li kellu lura, dan ma jfissirx li seta' jitqiegħed fi grad klerikali u mhux maniġerjali (li ġie suġġerit lilu

tlett ijiem qabel ir-ritorn lura għax-xogħol), filwaqt li l-esponent stess kien issuġġerixxa xi rwoli. Ir-rikorrent jinnota wkoll li t-talba li jissottometti grievance formali ġiet injorata mill-bank, minkejja li l-union tiegħu kiteb lill-bank dwar dan.

Rigward l-istqarrija tas-soċjetà intimata dwar il-fatt li r-rikorrent kien għad baqgħalu sentejn fuq il-kuntratt tal-NDSF, huwa jissottometti illi din hija kwistjoni indipendenti mill-impjieg mas-soċjetà intimata u li huwa għamel minn kollox sabiex jirritorna lura l-bank.

Dwar is-support role, ir-rikorrent jinsisti li s-soċjetà intimata baqgħet inkapaċi li tispjegalu fiex kellu jikkonsisti s-support role offrut lilu, u jissottometti li kwalunkwe rwol ta' din in-natura dejjem ikun ta' grad klerikali, milli maniġerjali, iżda li huwa xorta għamel minn kollox sabiex jirritorna għax-xogħol. Ir-rikorrent għalekk talab l-intervent tal-union sabiex iressaq il-grievance tiegħu, u li fil-mument li ma daħalx għax-xogħol, ma sar l-ebda attentat ta' kuntatt miegħu.

Fiċ-ċaħda tal-grievance min-naħa tas-soċjetà intimata r-rikorrent jissottometti li kien hemm ksur tal-ftehim kollettiv viġenti, u jinsisti li l-bank jaf li żbalja f'dan ir-rigward għaliex qajla semma l-punt tal-grievance f'dawn il-proċeduri, minkejja li ġie kkonfermat li din waslet għand is-Sur Perrotti. Ir-rikorrent jagħmel referenza għad-deċiżjoni mogħtija fil-każ ta' *David Magro vs. HSBC Bank (Malta) plc (3658/GV)* fejn it-Tribunal iddeċieda li l-bank aġixxa b'mod diskriminatorju meta ma ppermettiex lil impjegat jipprevalixxi mid-dritt li jissottometti grievance ai termini tal-ftehim kollettiv, u li f'dan il-każ il-bank ma nnegax li rrikonoxxa l-union magħżul mir-rikorrent iżda injora t-talba tiegħu.

Ir-rikorrent jissottometti li fi tkeċċija, irid ikun hemm proporzjonalità adegwata, filwaqt li jindika l-fatt li huwa kien f'komunikazzjoni mad-diriġenza fir-rigward tar-ritorn tiegħu, li intavola grievance, li qatt ma kellu problemi dixxiplinarji, u fuq kollox li qatt ma ddikjarra li ma kienx beħsiebu jirritorna lura għax-xogħol.

Ir-rikorrent jistaqsi wkoll għaliex il-bank għażel li ma jressaqx lill-impjegat taħt proċeduri dixxiplinarji elenkati fil-ftehim kollettiv, filwaqt li rriżulta li tkeċċa mingħajr l-opportunità li jiddefendi ruħu, minflok aġixxa b'azzjoni ta' *misconduct* kontra l-impjegat, liema definizzjoni tkopri *"when an employee is*

*absent from work without authorisation",* u li fuq kollox imkien mhuwa inkluża tkeċċija inġusta bħala piena għal *misconduct.*

**<u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

Il-kwistjoni odjerna hija msejsa fuq allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju u allegazzjoni ta' tkeċċija inġusta. Matul dawn il-proċeduri ħareġ biċ-ċar illi r-rikorrent ħareġ fuq career break matul l-impjieg tiegħu mal-bank, u dan skont dak li jipprovdi l-ftehim kollettiv viġenti, u nqala' diżgwid bejn il-partijiet fir-rigward tal-modalità tar-ritorn tar-rikorrent lura għax-xogħol wara tmiem dan il-perjodu.

Rigward l-istqarrija tal-fatti tal-kwistjoni odjerna ma jidhirx li hemm xi diżgwit straordinarju bejn il-partijiet, iżda hija biss il-konsegwenza ta' tali fatti u l-mod kif dawn ġew segwiti minn kull parti illi qed twassal għall-pern ta' dina l-kwistjoni.

Dan it-Tribunal sejjer l-ewwel u qabel kollox iqis l-allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju.

Primarjament, dan it-Tribunal ma jista' jsib li kien hemm l-ebda diskriminazzjoni fir-rigward ta' kif ir-rikorrent ġie ttrattat fis-sens li ma ġiex ikkunsidrata estensjoni tal-career break tiegħu, jew li jingħata għotja fuq l-iskema tal-irtirar volontarju bħalma jallega sar ma' ħaddieħor. L-ewwel nett, ma nġiebet l-ebda prova quddiem it-Tribunal li fil-fatt dan kien minnu - minkejja li ssemmew xi ismijiet f'dan ir-rigward, it-Tribunal ma jistax jistrieħ fuq *detto del detto* u abbażi ta' dan issib li saret xi forma ta' diskriminazzjoni. Fuq kollox, jiġi nnutat ukoll illi l-ftehim kollettiv innifsu, minn fejn fl-aħħar nett toħroġ il-possibiltà tal-career break, turi biċ-ċar illi mhux talli d-diskrezzjoni ta' jingħatax jew le l-career break qiegħda f'idejn il-bank intimat, iżda wkoll li l-massimu huwa ċarament imniżżel bħala wieħed ta' tnax-il xahar.

Fir-rigward tal-allegat diskriminazzjoni fl-azzjoni tal-bank fejn allegatament ċaħdet lir-rikorrent jissottometti grievance, jiġi nnutat li fix-xhieda tiegħu, ir-rikorrent, meta ħassu urtat bl-azzjonijiet tal-bank intimat, informa lis-Sur

Perrotti li qiegħed jissottometti grievance, liema dikjarazzjoni ġiet milqugħa b'ordni li r-rikorrent jirritorna għax-xogħol sabiex tali grievance tiġi diskussa, partikolarment stante li tali grievance ġiet sottomessa permezz ta' email ftit jiem qabel id-data li kellu jirritorna, li intant kellha tkun l-għada ta' festa pubblika. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent jinsisti illi ġie ddiskriminat għaliex il-grievance tiegħu ma ġietx milqugħa. Madankollu, imkien ma ħareġ illi l-bank irrifjuta li jilqa' l-grievance tar-rikorrent. Anzi minn hekk, is-Sur Perrotti infurmah li din se tiġi trattata mar-ritorn tiegħu lura x-xogħol kif pjanat, li kienet għal jumejn oħra mid-data tal-korrispondenza inkwistjoni.

Dan it-Tribunal jinnota li jekk ir-rikorrent kellu diżgwid f'dan ir-rigward minħabba dak li seta' ġenwinament emmen dwar l-irwol ta' support offrut lilu, ma jistgħax jingħad li huwa mexa b'mod korrett jew wisq anqas professjonali f'dan ir-rigward. Anzi, l-aġir tiegħu kien ferm diżappuntanti f'għajnejn dan it-Tribunal, meta minkejja d-diżappunt tiegħu unilateralment iddeċieda li ma jirrapportax għax-xogħol fil-jum miftiehem, mingħajr ebda spjegazzjoni. Minkejja li dan it-Tribunal jista' jifhem li din setgħet kienet forma ta' protesta min-naħa tar-rikorrent, kien ikun ferm aktar għaqli li kieku rrapporta fuq il-post tax-xogħol, insista fuq il-grievance tiegħu direttament mal-HR, u saħansitra anke irrifjuta li jwettaq id-dmirijiet mitluba minnu f'forma ta' 'sit-in protest' jekk ħass li l-irwol offrut lilu kien tant inferjuri għall-grad tiegħu, iżda mhux jgħib mingħajr preavviż meta diġà kien ilu nieqes mill-post tax-xogħol għal sena sħiħa.

B'hekk, dan it-Tribunal ma jistax isib li kien hemm xi forma ta' diskrminazzjoni f'dan ir-rigward. Filwaqt li d-deċiżjoni li l-bank jittermina l-impjieg tar-rikorrent, sew jekk kinitx ġusta jew inġusta, hija għalkollox separata mid-deċiżjoni tiegħu li jaċċetta jew jiċħad il-grievance tar-rikorrent. Id-deċiżjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg ittieħdet stante l-fatt li r-rikorrent volontarjament għażel li ma jirrappurtax għax-xogħol, hekk kif se jiġi ikkunsidrat aktar 'l isfel, u għaldaqstant ma jkunx għaqli li dan it-Tribunal jiddeċiedi u jsib li saret xi forma ta' diskriminazzjoni f'dan ir-rigward, għaliex is-Sur Perrotti kien informa lir-rikorrent li l-grievance tiegħu kienet se tiġi milqugħa, iżda li kien hemm bżonn li jirrapporta għax-xogħol, u dan fil-jum stabbilit. Intant, dan it-Tribunal ma jistax

ma jikkonkludix li, li kieku r-rikorrent fil-fatt irritorna għax-xogħol, is-sitwazzjoni setgħet kienet differenti. Filwaqt li t-Tribunal għandu jistrieħ fuq fatti u mhux preżunzjonijiet u/jew spekulazzjonijiet, hija preżunzjoni li l-bank ma kienx se jaċċetta l-grievance tar-rikorrent daqskemm hija preżunzjoni li l-bank seta' aċċettaha li kieku r-rikorrent irritorna għax-xogħol. Għaldaqstant, u wara analiżi bbażata fuq il-*balance of probabilities* skont il-fatti hekk kif dedotti quddiem dan it-Tribunal, il-bank wera sa livell sodisfaċjenti li kien se jkun hemm prosegwiment tal-grievance li kieku r-rikorrent irritorna għax-xogħol kif miftiehem.

Is-surreferit huwa distint mill-fatt tat-terminazzjoni nnifsiha, u għaldaqstant il-kwistjoni tal-allegata diskriminazzjoni għandha tiġi evalwata indipendentament mill-allegata tkeċċija inġusta.

B'hekk, dan it-Tribunal sejjer issa jikkunsidra l-allegazzjoni ta' tkeċċija inġusta.

Fix-xhieda tiegħu, ir-rikorrent jinsisti illi huwa kellu kull intenzjoni li jirritorna għax-xogħol fi tmiem il-career break tiegħu, u intant jinsisti li tali career break ittieħed sabiex anke jipprovdi titjib fix-xogħol tiegħu fi ħdan il-bank innifsu. Jgħid ukoll illi kien proattiv fil-perjodu ta' tmiem tali career break u ddiskuta mad-dipartiment tar-riżorsi umani ċerti rwoli possibli illi seta' rritorna fihom, filwaqt li kien konxju illi kien hemm iċ-ċans li l-irwol li kellu qabel ma ma kienx jibqa' vakanti.

B'danakollu, il-bank donnu jrid jagħti lil dan it-Tribunal x'jifhem illi tali attentati min-naħa tar-rikorrent kienu lkoll *fait accompli* fejn huwa ma kellu l-ebda intenzjoni li jirritorna lura lejn il-bank, u li jkompli fuq ix-xogħol li kien qiegħed iwettaq mal-aġenzija li magħha ħadem matul il-career break tiegħu, u dan għar-raġuni illi huwa kien daħal għal impjieg definittiv ta' tliet snin, u li l-perjodu ta' prova skont l-istess kuntratt kien laħaq għadda b'numru ta' ġimgħat sad-data tar-ritorn tar-rikorrent lura l-bank, u li b'hekk l-abbandun ta' dan il-kuntratt seta' swieh mal-€47,000 f'penali. Ir-rikorrent jinsisti li dan xejn mhuwa minnu u li intant il-kuntratt kellu inseriti fih *exit clauses* għat-tluq tiegħu.

Fl-ewwel lok, filwaqt li dan it-Tribunal ġie rinfaċċjat b'teżijiet opposti fir-rigward tal-intenzjonijiet tar-rikorrent f'dan il-punt, ma jistax jiġi innegat illi fir-realtà huwa daħal għal kuntratt ta' impjieg b'terminu fiss ta' 3 snin, filwaqt li kien ben konxju illi l-career break tiegħu kienet għal perjodu ta' sena biss (u fuq kollox, il-ftehim kollettiv huwa ċar fi kliemu li tali perjodu huwa l-*"maximum"*). Lanqas ma jreġi l-argument li l-perjodu ta' prova kien ta' sena, li jikkorrispondi mat-tul tal-career break, għaliex il-kuntratt mal-NDSF tnieda f'Marzu 2018, filwaqt li l-career break kien minn Mejju 2018 sa Mejju 2019, u għaldaqstant fi tmiem il-career break, il-perjodu ta' prova kien se jkun ilu li ntemm. Jekk ukoll kien ikun hemm xi lok ta' dubju, jiġi innotat illi d-data tal-bidu tal-impjieg (Marzu 2018) hija miktuba bl-idejn fuq l-istess kuntratt, u b'hekk ma jistax jingħad li saret bi żvista meta ġie pprintjat il-kuntratt oriġinarjament, u ma nbdilet qatt, u fil-fatt l-użanza li dik li tissejjaħ *'commencement date'* tinkiteb bl-idejn hija komuni sabiex fil-fatt ikun hemm ċertezza f'dan ir-rigward meta jibda miexi l-perjodu ta' prova. Jingħad ukoll illi l-*exit clauses* li jsemmi r-rikorrent ma ġew ċitati mkien, u fil-fatt ma jidhru mkien fl-istess kuntratt. Lanqas ma jista' jiġi skartat il-fatt illi Ray Ellul xehed illi wara l-ewwel sena tal-impjieg tar-rikorrent mal-aġenzija, l-istess rikorrent wera x-xewqa li jkompli jaħdem mal-aġenzija.

Nonostante dan, filwaqt li dan it-Tribnal jinnota li l-fatt li r-rikorrent daħal għal kuntratt ta' dan it-tip li ma jreġix mal-kundizzjonijiet u t-terminu tal-career break hekk kif maqbul mal-bank, u li hemm lok li tali fatti jikxfu fir-realtà x'kienu l-intenzjonijiet tiegħu, it-tmiem potenzjali tal-istess kuntratt estern u l-konsegwenzi finanzjarji peżanti li seta' jġib miegħu hija kwistjoni u deċiżjoni personali tar-rikorrent li ma kellha jkollha l-ebda effett fuq id-deċiżjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg min-naħa tal-bank intimat.

B'danakollu, min-naħa tal-bank innifsu jidher li kien hemm nuqqas ta' organizzazzjoni fil-preparamenti tal-wasla tar-rikorrent lura għax-xogħol. Filwaqt li d-data prevista kienet fissa bi qbil, jidher li kien hemm xi rwoli li ġew diskussi mar-rikorrent iżda li ma sar xejn fuqhom. David Perrotti jixhed illi filwaqt li tali proċess kien qiegħed jiġi direġit minn membru tad-dipartiment tal-HR li kienet qed tipprepara biex tirriżenja, huwa ħa r-riedni fuq il-materja ordjerna iżda ż-żmien tar-ritorn tar-rikorrent kien qrib ferm, u li kien għalekk li

s-Sur Perrotti talab lir-rikorrent jidħol f'support role mad-dipartiment tal-Marketing fejn kien ingaġġat qabel, sakemm jinsab rwol adegwat għalih. Tajjeb li wieħed jinnota wkoll illi ma kien se jkun hemm l-ebda telf la fil-grad u wisq anqas fil-paga.

Ma hemm l-ebda lok ta' dubju li l-bank seta' kien iżjed proattiv f'dan ir-rigward. Ir-rikorrent xehed, u dan ma ġiex innegat mill-bank, illi kien hemm diskussjonijiet dwar xi rwoli u anke kellu jirċievi iżjed informazzjoni fuq rwol partikolari, liema azzjoni qatt ma saret, u dan filwaqt li l-jum tar-ritorn tar-rikorrent kien dejjem qed joqrob. Meta daħal is-Sur Perrotti fil-biċċa, inħoloq dan l-irwol ta' support ad hoc fuq bażi temporanja, u r-rikorrent iddikjara li ma setax jaċċetta rwol subordinanti. Jidher ċar li kien hemm sens ta' ġenn, għaliex il-bank lanqas biss ta spjegazzjoni lir-rikorrent dwar fiex kien se jikkonsisti dan l-irwol. B'danakollu, lanqas ma jista' jiġi nnegat il-fatt li r-rikorrent lanqas ħa l-inizjattiva li jsaqsi għal iżjed informazzjoni dwar dan l-irwol, iżda minflok ġibed il-konklużjonijiet li ried hu u minflok mexxa bl-azzjoni tal-grievance u tal-union.

Wieħed jistaqsi jekk tali rwol kienx attwalment subordinanti għal dak li kellu qabel ma beda l-career break ir-rikorrenti, ossia l-irwol ta' Marketing Manager, jew fil-fatt kienx verament wieħed ta' natura klerikali. Minn banda r-rikorrent jisħaq li n-nomenklatura ta' support dejjem tirrelata mal-grad klerikali, filwaqt li Tonio Mallia xehed li r-rikorrent kien se jkun qed jagħti assistenza fil-marketing għaliex xogħol biżżejjed għalih kien hemm, filwaqt li rwoli klerikali fl-istess dipartiment ma kinux jeżistu. Filwaqt li r-rikorrent jisħaq illi rwol ta' 'support' fi ħdan id-dipartiment tal-Marketing dejjem ikollu insinwazzjonijiet ta' natura klerikali, dan it-Tribunal għandu jħares lejn dan il-fatt b'mod oġġettiv, u intant ma jistax jingħad li kien ġust li r-rikorrent assuma li dan kien minnu, mingħajr ma talab spjegazzjoni ta' fiex kien se jikkonsisti dan l-irwol, nonostante l-fatt li s-Sur Perrotti naqas milli jagħmel dan mill-bidu huwa nuqqas min-naħa tal-bank stess ukoll.

Minkejja dan, x'kienet verament in-natura ta' dan l-irwol huwa irrelevanti għal dan it-Tribunal. Kif ġja fuq ritenut, jekk ir-rikorrent ħassu tant urtat b'din id-deċiżjoni li emmen li se tfisser f'degradazzjoni tal-karriera tiegħu, ir-reazzjoni

ġusta mingħajr ebda dubju ma kellhiex tkun li unilateralment jiddeċiedi li ma jitfaċċax għax-xogħol.

In vista ta' dan kollu suespost, l-unika domanda relevanti li tibqa' għal dan it-Tribunal sabiex jiddetermina t-tkeċċija kinitx waħda ġusta jew le hija jekk il-bank intimat kienx raġjonevoli fl-azzjoni tiegħu li tterminatlu l-impjieg fil-jum li fih ir-rikorrent kellu jirritorna għax-xogħol meta dan ma tfaċċax.

Il-ftehim kollettiv viġenti ċarament jipprovdi illi l-fatt li impjegat ma jirrappurtax għax-xogħol mingħajr awtorizzazzjoni jikkostitwixxi *'misconduct',* u li din għandha tiġi milqugħa b'azzjoni dixxiplinarja li għaliha l-ftehim kollettiv ma jipprovdix li jista' jkun hemm konsegwenza ta' tkeċċija. Minkejja li l-bank intimat jinsisti illi t-terminazzjoni tal-impjieg saret abbażi ta' abbandun tal-post tax-xogħol, fil-kuntest ta' dak li jipprovdi l-ftehim kollettiv din mhijiex konsegwenza possibli għal tali forma ta *'misconduct'* kif speċifikament jipprovdi l-istess ftehim kollettiv. Il-proviżjonijiet tal-ftehim kollettiv huma ċari ferm u għaldaqstant dan it-Tribunal ma jista' fl-ebda mument japprova jew wisq anqas jittollera ksur tant flagranti f'dan ir-rigward.

Filwaqt li dan it-Tribunal isostni li r-rikorrent ma mexiex sew fil-fatt li ma tfaċċax għax-xogħol mingħajr preavviż, nonostante l-protestazzjoni tiegħu, sew jekk kinux ġenwini jew le, lanqas ma mexa sew il-Bank fil-ksur ta' tali provvediment tal-ftehim kollettiv. F'dan ir-rigward, it-Tribunal għandu jdejh marbuta u ma jistax ma jsibx li t-tkeċċija kienet inġusta stante l-ksur flagranti tal-ftehim kollettiv. Li kieku ġiet imnedija azzjoni dixxiplinarja skont il-ftehim kollettiv f'dan ir-rigward kontra r-rikorrent, u huwa ppersista fl-assenza mhux awtorizzata tiegħu mix-xogħol, kienet tkun storja oħra.

**<u>Deċiżjoni</u>**

Wara li sema' x-xhieda u ra d-dokumenti prodotti mill-partijiet, u kkunsidra l-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-ewwel talba rikorrenti, filwaqt li jiċħad it-tieni talba rikorrenti.

Fir-rigward ta' kumpens, dan it-Tribunal jinnota illi l-argument illi r-rikorrent huwa dovut tliet snin paga f'każ li dan it-Tribunal jiddetermina illi t-tkeċċija tiegħu hija inġusta skont l-artikolu 12(b)(i) tal-ftehim kollettiv ma treġix għaliex il-proviżjoni ċarament tirrelata ma' sensji (tant illi s-sezzjoni numru 12 innifisha hija intitolata "Redundancies & Early Retirement") u b'hekk ma tista' bl-ebda mod tiġi interpretata li tinkwadra kwalunkwe tip ta' terminazzjoni illi dan it-Tribunal jiddeċiedi li tkun inġusta.

Għaldaqstant, in vista tal-argumenti miġjuba aktar 'il fuq it-Tribunal jordna lis-soċjeta intimata tħallas il-kumpens ta' erbat elef ewro (€4,000) lir-rikorrent fi żmien xahar mid-data tal-lum.

Għall-finijiet ta' Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

(iffirmat)
**Avukat Charmaine Cristiano Grech LL.D.**
**Chairperson**